C/2026/1463

9.3.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12076 – RTL / SKY DACH)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1463)

1. Fis-27 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— RTL Deutschland GmbH ("RTL", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Bertelsmann SE & Co. KGaA (il-Ġermanja);

— Sky German Holdings GmbH ("Sky DACH", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Comcast Corporation (l-Istati Uniti).

RTL se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Sky DACH.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— RTL hija grupp ta' ġurnaliżmu u divertiment attiv f'firxa wiesgħa ta' media bħat-TV u l-istreaming, l-istampa u d-diġitali, ir-radju u l-podcasts. Hija attiva f'diversi livelli tal-katina tal-valur awdjoviżiva ("AV"), inkluż fis-servizzi tal-produzzjoni, tax-xandir u tar-reklamar, prinċipalment fil-Ġermanja, fl-Awstrija u fl-Iżvizzera,

— Sky DACH hija operatur tat-televiżjoni bi ħlas attiva tul il-katina tal-valur AV fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Iżvizzera, u fit-territorji tat-Tirol tan-Nofsinhar li jitkellmu bil-Ġermaniż, fil-Lussemburgu u fil-Liechtenstein.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12076 — RTL / SKY DACH

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").